**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Luke Bonello]**

**vs**

**Robert Micallef**

**Kumpilazzjoni Numru: 1238/14**

**Illum, 15 ta' Novembru, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza migjuba kontra Robert Micallef detentur tal-karta tal-identita` numru 284279M:

**Akkuzat nhar is-27 ta' Novembru 2009 ghall-habta ta' 11:15 am, fi Triq l-Imdina, Attard, Malta, waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni DBE-628 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew**

**professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkaguna l-mewt ta' Salvatore Grima u dan bi ksur ta' artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuza kif dedotta kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 fejn intalab li tinstab htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi u cioe':-

- Fl-Artikoli 17, 23(1), 30(1)(b), 31, 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15(1)(a), 15(2) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Ligi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz l-atti tal-proces verbal bin-numru 949/2009 redatt mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona;

Rat il-verbal tad-difiza datat tlettax (13) ta' Lulju 2015 fejn ilmenta dwar id-dewmien u l-hela ta' hin min-naha tal-Avukat Generali li jibghat rinviji fil-vojt u minn din id-data 'l hawn din il-Qorti setghet tibda tisma' l-provi mitluba mill-Avukat Generali;

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dawn il-proceduri jittrattaw incident stradali li gara fi Triq l-Imdina, Attard, u li fih spicca miet Salvatore Grima li kien qed isuq vettura tal-ghamla Toyota Tercel ABJ 868 u fejn dan habat mal-vettura tal-imputat li kien qed isuq vettura tal-ghamla Fiat Punto DBE 628.

Illi xehed <u>PS 3 Kevin Grima</u> li qal li fis-27 ta' Novembru 2009 kien acceda fi Triq l-Imdina, Attard ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu fejn osserva li ma' genb it-triq kien hemm vettura wieqfa. Din kienet qed thares direzzjoni Attard u kienet il-karrozza tal-vittma. Fin-nofs tat-triq, fl-istess korsija u fl-istess direzzjoni,

kien hemm il-vettura tal-imputat fejn ix-xhud osserva li din kellha daqqa fuq il-*mudguard* tan-naha ta' quddiem tal-lemin, kif ukoll kellha hsara fin-naha tal-lemin tal-*windscreen*.

Ix-xhud jghid illi x-xufier tat-Tercel kien qed jigi mghobbi fuq ambulanza. Huwa jghid illi fuq il-post kien ha l-verzjoni tal-imputat fejn qal illi kien niezel bil-mod fl-istess direzzjoni tal-vittma fejn f'daqqa wahda fid-direzzjoni opposta kien ghaddej trakk u minn warajh tfacca ragel u ha brejk malajr. Ix-xhud jghid illi fuq il-post kellem ukoll lil certu Emmanuel Agius fejn huwa kien passiggier mal-vittma u dan qallu li hu u siehbu ddecidew li jieqfu jixtru xi mqaret. Ghalhekk Salvatore tefa' l-karrozza tieghu fil-genb tat-triq u fejn dan Salvatore hareg mill-vettura sabiex imur jixtri dawn l-imqaret. Dan jghid li kellu jaqsam it-triq u cioe' fid-direzzjoni minn Attard ghar-Rabat. Huwa qal lix-xhud illi f'daqqa wahda sema' brejk qawwi u ra lil Salvatore mal-art. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dokument KG1.

Illi xehdet <u>Karen Cremona</u> in rapprezentanza ta' Transport Malta fejn ikkonfermat illi vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru ta'

registrazzjoni DBE-628 hija rregistrata fuq l-imputat Robert Micallef.

Xehed ukoll it-tabib **Dr. Jonathan Joslin** fejn kien wiehed mill-ewwel tobba li ezamina lill-vittma u fejn dan kien miet ftit wara li kien wasal bl-ambulanza. Dan kien iccertifikat li kellu ticrita ta' cirka tlieta u ghoxrin (23) centimetru fuq is-sieq, kellu ksur tal-*humerus* fuq l-id tax-xellug, u ticrit f'wiccu. Ukoll, minhabba li kien ha daqqa fuq il-*windscreen* tal-karozza, kellu problemi nterni fil-kustilji, pulmun mimli bid-demm minhabba li dan kien imcarrat u ticrita ohra fir-rita tal-qalb, kif ukoll ticrita fl-*aorta* u daqqa kbira fis-sinsla tad-dar.

Semghet inkontroezami **l-Avv Mario Butigieg** li kien nominat fl-inkjesta magisterjali dwar dan l-incident u jghid illi meta sehh l-incident il-limitu tal-velocita' kien ta' tmenin (80) kilometri fis-siegha (km/h). Huwa jikkonferma illi l-velocita' li kien ghaddej biha l-imputat fil-mument tal-incident kien ta' sittin (60) kilometri fis-siegha (km/h). Fuq mistoqsija jekk il-vittma setax jaghmel dik il-manuvra li jaqsam karreggjata fi triq arterjali u li jghaddu hafna karrozzi minnha, ix-xhud jispjega li fil-fatt kienu anke wissew lill-

bejjiegh tal-imqaret illi fil-pozizzjoni fejn kien, kien qed jikkreja periklu kbir. Di piu' *pedestrian* ta' dik l-eta' u li naturalment ma kienx zvelt hafna u r-riflessi dejjem jonqsu. Ix-xhud jghid li in assenza ta' *zebra crossing*, biex imur jixtri l-imqaret, il-vittma kellu jitla' sar-*roundabout* tas-Saqqajja u jigi bil-karrozza fuq in-naha tal-bejjiegh tal-imqaret.

<u>**Ikkunsidrat**</u>:

Illi mill-atti tal-inkjesta prezentata in atti u senjatament mir-rapport tal-espert nominat Dr. Joseph Mifsud harget din ir-rikostruzzjoni:

> *"Mix-xhieda li sema' l-esponent u l-access li ghamel fuq il-post tal-incident wasal ghal din ir-rikostruzzjoni ta' kif sehh l-incident.*
>
> *Salvatore Grima kien nizel mir-Rabat lejn H'Attard bil-vettura tieghu tal-ghamla Toyota Tercel lewn ahdar bin-numru tar-registrazzjoni ABJ 868 meta waqaf u ipparkja l-vettura fuq genb tat-triq f'zona li mhux suppost jieqfu*

*vetturi. Fil-vettura kellu mieghu lil Emanuel Agius (ID 0040546M) li baqa' jistenna fil-vettura. Grima waqaf hemm ghaliex in-naha l-ohra quddiem crash barrier fit-triq kien hemm gabbana armata bl-imqaret u anke tabella li tindika li tista' tieqaf hemm ghat-te' u l-kafe'. Il-gabbana irrizulta mill-istharrig li ghamel l-esponent li ma kelliex permess biex tarma f'dak il-post, post li lanqas wiehed jista' jieqaf ghall-ebda raguni bil-vettura. Salvatore Grima qasam lejn in-naha l-ohra minn fuq il-linji bojod doppji li juru li hemm hekk ma jistax ikun hemm overtaking u lanqas tista' taqsam minn fuqhom. Kif xtara l-imqaret, ghaxra b'kollox qasam lura minn wara trakk li kien tiela' lejn ir-Rabat fejn spicca mill-vettura misjuqa minn Robert Micallef.*

*Mix-xhieda li gabar l-esponent jirrizulta li Salvatore Grima qasam b'heffa minn wara trakk li kien ghaddej minghajr ma nduna li kienet gejja vettura niezla mir-Rabat lejn H'Attard."*

Illi mill-banda l-ohra l-konkluzjonijiet tal-espert Mario Butigieg kienu s-segwenti:-

*"Illi meta l-esponent kien fuq il-post osserva li l-vettura numru DBE-628 halliet erbghin (40) metru brake marks. Gie osservat ukoll li Salvatore Grima intlaqat bi tlieta u ghoxrin punt hamsa (23.5kfs) kilometru fis-siegha.*

*Illi hareg manifestament car li mill-kalkoli li ghamel l-esponent jirrizulta li s-sewwieq tal-vettura kien qed isuq b'velocita' ta' disghin (90kfs) kolometru fis-siegha. Illi x'hin lemah li Grima kien qed jaqsam Robert Micallef ghaffas il-brejkijiet u l-velocita' tal-vettura ddecelera u fil-fatt il-vettura nvoluta laqtet lil Salvatore Grima b'velocita' ta' hamsa u sittin (65kfs) kilometru fis-siegha.*

*Illi gie kkalkolat ukoll illi li kieku s-sewwieq u cioe Robert Micallef zamm mal- b'velocita ta' tmenin (80kfs) kilometru fis-siegha hekk kif indikata fil-Highway Code is-sewwieq kien iwaqqaf il-vettura iktar qabel. Hija l-*

*opinjoni umli tal-esponent skond il-kalkoli maghmula minnu illi Robert Micallef kien ikun kapaci jikkontrolla l-vettura tieghu u ma kienx jolqot lil Salvatore Grima kieku kien ghaddej bit-tmenin kilometru fis-siegha jew inqas. Gie stabilit permezz ta' kalkoli li ghamel l-esponent illi li kieku Micallef saq b'velocita' ta' tmenin kilometru fis-siegha kien ikun kapaci jwaqqaf il-vettura tieghu f'distanza ta' erbatax punt zero erba' (14.04) metru l-boghod u b'hekk seta' jevita li jolqot il-vittma".*

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fil-kaz odjern id-dover tal-Prosekuzzjoni hu li jipprezenta quddiem il-Qorti kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputata ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita` diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta` tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti. Hemm 1) l-imprudenza, li tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli; 2) in-negligenza, li tigi mid-dizattenzjoni u dizakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu; u 3) l-imperizja; li hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe` kif jghid **Manzini**:- ***"L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto"***.

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli

predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku – Kap 65, il- High Way Code – Motor Vehicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Illi l-Qorti ser tezamina x'inhuma r-rekwiziti tar-reat principali in ezami, u cioe` dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9, u cioe` tar-reat li biha giet akkuzata l-imputata, u cioe` l-omicidju involontarju.

L-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 jiddisponi s-segwenti:

> *"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd ..."*

Illi ghalhekk wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe`:- 1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ; 2. ikkaguna l- mewt ; 3. fuq persuna.

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet il-<u>Pulizija vs Richard Grech</u> il-Qorti sostniet is-segwenti:-

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe` fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

Illi l-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu Teoria delle Obbligazione (1127 pagna 46) jghid:-

> *"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala: 1. *la volontarieta` dell'atto*; 2. *la mancata previsione dell'effetto nocivo*; u 3. *la possibilita` di prevedere*.

Bhala konkluzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija *culpa*, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa l-volontarjeta` tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi.

Illi f'kazijiet bhal dak odjern, il-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-imputata kienet kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqset li thares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-Prosekuzzjoni trid ukoll tipprova n-*nexus* bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema ness irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe` li tammonta ghall-*criminal misconduc*t (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.) Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali l-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu jkunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kkuluriti b'verzjonijiet varji. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi,

bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghall-konkluzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta` kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Illi fil-kaz odjern sfortunatament il-vittma ma setax jaghti l-verzjoni tieghu f'dawn il-proceduri. Provi ndizzjarji ohra bhal per ezempju xhieda okulari ma setghu jaghtu l-ebda tip ta' informazzjoni utili ghal dak li seta' gara. Illi l-unici provi li din il-Qorti tista' toqghod fuqhom huma l-esperti li kienu nominati fl-inkjesta.

Illi dak li gie stabbilit b'mod konkret huwa li l-vittma Salvatore Grima qasam triq arterjali u traffikuza biex imur jixtri xi mqaret. Illi meta rega' qasam sabiex imur lura ghall-vettura tieghu sehh l-incident. Illi fir-rapport tieghu esebit fl-inkjesta Magisterjali l-espert Mario Buttigieg ddikjara illi wara kalkoli li ghamel l-imputat kien ghaddej b'velocita' ta' disghin (90) kilometri fis-siegha (km/h) u cioe' ferm aktar mil-limitu u li l-vittma ttajjar meta l-imputat bbrejkja u ghalhekk laqtu b'velocita' ta' hamsa u sittin (65) kilometru fis-siegha (km/h). Illi mbaghad pero' inkontroezami u

wara li d-difiza ghamlitlu xi mistoqsijiet ohra anke bil-miktub fejn gie kkonfrontat mal-*iskid marks* li kien ha l-espert il-Perit Mario Cassar dan kien qal li kieku kellu jikkalkula l-velocita' li kien ghaddej biha l-imputat qabel l-incident dan kien ikun ta' cirka erbgha u sebghin (74) kilometri fis-siegha (km/h) u cioe' ferm anqas mil-velocita' massima permissibbli.

Illi ghalhekk hemm din id-diskrepanza li certament ma taghmilhiex facli sabiex il-prosekuzzjoni tkun ippruvat il-kaz taghha oltre' d-dubju dettat mil-ligi.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar it-tnax (12) ta' Frar 2004, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Stephen Grima**</u> intqal li: ***"Il-fatti - inkluzi l-provi ndizzjarji [circumstantial evidence] jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzjonijiet minn dawk il-fatti… dawk li fid-dottrina Ingliza jissejjhu presumptions of fact. These are all inferences which maybe drawn by the tribunal of fact.***"

Illi din il-Qorti ghamlet dawn il-*presumptions of fact*, li johorgu mid-dinamika tal-incident u meta qieset u ghamlet apprezzament

tal-fatti kollha li jirrizultaw mill-atti hija ma tistax tasal b'konvinzjoni ghall-konkluzjoni dwar id-dinamika tal-incident.

Illi di piu' u a favur it-tezi tad-difiza hemm l-element ta' kontributorjeta' tal-vittma Salvatore Grima li hareg mill-atti tal-inkjesta. Illi ghalhekk u fil-mertu ta' dawn il-proceduri din il-Qorti thoss li ma hemmx elementi bizzejjed sabiex tkun moralment konvinta tal-kolpevolezza tal-imputat.

Illi finalment zewg fatturi ohra ghandhom jigu ezaminati li tqajjmu wkoll mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Fl-ewwel lok il-fatt illi fin-nota li biha l-Avukat Generali elenka l-Artikoli tal-Ligi deherlu li jinkludi wkoll akkuzi taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li din ma setghetx issir mill-Avukat Generali *multo magis* meta dan l-anqas kien talab li tigi emendata l-akkuza fil-konfront tal-imputat sabiex tinkludi wkoll din l-akkuza. Il-Qorti ttenni li din hija akkuza separata u distinta u mhix sempliciment aggravju tal-akkuza originali u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizzjoni tal-Artikoli taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fit-tieni lok, id-difiza kienet qajmet il-preskrizzjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li talbet li tittiehed decizjoni fl-ahhar, izda ghal xi raguni ma nkludietx din l-eccezzjoni fin-nota ta' sottomissjoni taghha. Illi a skans ta' kull ekwivoku l-Qorti, wara li rat il-piena applikabbli ghall-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 ghall-perjodu meta sehh ir-reat u cioe' ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sentejn (2) dan ir-reat kellu preskrizzjoni applikabbli ta' hames (5) snin (Artikolu 688 (d) Kap 9). Illi meta thares meta gie notifikat l-imputat bl-akkuza kif korretta u cioe' fil-hamsa (5) ta' Ottubru elfejn u hmistax (2015) il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' hames (5) snin kien diga' ghadda u ghalhekk din il-kawza hija wkoll preskritta.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Robert Micallef** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**